# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Fl-atti tal-Appell Nru: 293/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Omissis**

**Lorita Pace**

Seduta tal-4 ta' Lulju, 2019.

**Sentenza wara rikors ta' denunzja ta' Ufficcjal tal-Probation.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation tal-24 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tiehu dawk il-mizuri kontra Lorita Pace, id-denunzjata, wara li din naqset milli toqghod ghall-ordnijiet u struzzjonijiet moghtija lilha;

Semghet lix-xhieda;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti processwali kollha kompriz id-dokumenti esebiti wara din id-denunzja;

Ikkunsidrat:

1. Illi b'sentenza tas-27 ta' Frar, 2017, din il-Qorti kienet qieghdet lill-Lorita Pace taht ordni ta' probation u ordni ta' supervizzjoni ghal-perjodu ta' tlett (3) snin minn dakinhar b'dan illi l-Ufficcjal tal-Probation hekk assenjat ghandu jew ghandha thejji rapport tal-andament kull sitt xhur;

2. Illi bir-rikors in dizamina, l-Ufficcjal tal-Probation assenjata b'dan l-inkarigu kienet iddenunzjat lill-Lorita Pace biss wara sitt xhur mis-sentenza u mill-hatra taghha ghas-segwenti ragunijet:

Illi Lorita Pace naqset milli zzomm kuntatt mal-Ufficcju u l-Ufficcjal tal-Probation u dan skont l-istruzzjonijiet moghtija lilha mill-istess Ufficcjal tal-Probation;

Illi l-Agenzija Sedqa, ghalqet il-kaz tal-imputata wara li l-imputata naqset milli taghmel kuntatt mal-istess agenzija;

Illi hija naqset milli zzomm mal-pjan ta' kura mhejji ghaliha, fejn bhala pazjenta gewwa il-Female Dual Diagnosis Unit sitwat fi hdan l-isptar Mount Carmel, kellha tiehu il-kura necessarja. Hija telqet minn dan l-isptar kontra l-parir mediku nhar it-2 ta' Lulju 2018;

Illi Lorita Pace mhux qieghda tiehu l-ghajnuna fir-rigward tal-abbuz tad-droga.

3. Illi wara li semghet lill-partijiet fl-udjenza tas-26 ta' Lulju, 2018 u d-denunzjata promettiet illi taghmel minn kollox biex tidhol fi programm residenzjali din il-Qorti ddiferiet id-denunzja ghall-10 ta' Settembru 2018 sabiex tkun f'qaghda tara kemm verament id-denunzjata hija tal-intenzjoni li zzomm mal-

ordnijiet tal-Ufficcjal tal-Probation. Fil-mori, l-Qorti kienet informata permezz ta' nota tal-Ufficjal tal-Probation illi d-denunzjata ghamlet kuntatt mal-Caritas u inghatat appuntament biex isir inkontru. Id-denunzjata attendiet ghal dan l-appuntament izda mhux ghal dawk sussegwenti u dwar dan ressqet ir-raguni li kellha problemi serji f'saqajha izda xorta wahda weghdet li tidhol id-Dual Diagnostic Unit (DDU) fi zmien tmienja u erbghin siegha;

4. Mid-deposizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta illi din tal-ahhar zaret lid-denunzjata fid-DDU nhar il-11 t'Ottubru 2018 u setghet tirraporta li sabitha tajba u motivata bizzejjed sabiex eventwalment tibda programm ta' riabilitazzjoni mid-droga. Dak inhar kien mhejji pjan ta' kura mal-psikologa u social worker u li kien ser jibqa jsir *assessment* taghha bil-hsieb li tarrwola f'dan il-programm. Dan kien aspett posittiv fir-rigward tad-denunzjata u ghalhekk ir-rikors kien differit ghas-6 ta' Dicembru, 2018 ghal liema seduta Lorita Pace kienet indisposta. Ghas-seduta ta' wara d-denunzjata regghet ma deheritx u l-Ufficjal tal-Probation infurmat lill-Qorti li minkejja li d-denunzjata qaltilha li kienet ghadha rikoverata l-isptar kienet ratha barra l-isptar u liebsa hwejjeg normali;

5. Illi fis-seduta sussegwenti, dik tal-4 ta' Marzu, 2019 il-Qorti kienet mgharrfa bi problemi fizici li jistghu ikunu ta' xkiel sabiex Lorita Pace tibda programm residenzjali f'ambjent maghluq u li jkun aktar adattat ghaliha programm fil-komunita'. Sadanittant kienet ghamlet zmien id-DDU fejn kienet stabbli, harget wara dan iz-zmien ta' success u kienet f'qaghda stabbli anke wara li telqet kif ukoll hielsa mid-droga. Minkejja dan xorta kienet ghadha ma rrwolat ruhha f'ebda programm anke jekk kienet ix-xewqa taghha li tidhol ic-centru OASI. L-Ufficcjal tal-Probation regghet spjegat lill-Qorti illi d-denunzjata jehtieg li tifhem is-sitwazzjoni serja taghha ghaliex

huwa biss bis-sahha ta' programm li tista' tindirizza l-problema taghha ta' dipendenza fuq id-droga;

6. Illi fil-mori l-Ufficcjal tal-Probation, in ottemperanza mal-ordni tal-Qorti sabiex kull sitt xhur thejji rapport dwar Lorita Pace, informat lill-Qorti illi d-denunzjata attendiet ghall-appuntament wiehed biss minn erbgha iffisati u fi tnejn minnhom kienu saru thejjijiet ghat-testijiet tal-urina izda dawn naturalment ma sehhewx. Meta finalment attendiet kienet tidher f'qaghda hazina hafna kemm fizikament kif ukoll emozzjonalment u dak il-hin cemplet lill-Dr. Anthony Dimech fil-prezenza tal-Ufficcjal sabiex tinfurmah li l-ghada kienet diehla id-DDU bi pjan li jsir *referral.* Pace ma zammitx kellmitha li kienet ser tibda *evening programme* mal-Caritas u kienet talbet lid-DDU sabiex ma jkollhiex aktar kuntatt mal-Ufficcjal tal-Probation. L-istess ufficcjal ikkonkludiet illi din l-attitudini flimkien ma' nuqqas ta' motivazzjoni juru li d-denunzjata ma ghandha ebda interess li tikkometti ruhha ghal pjan ta' kura. Dan kollu jinsab registrat fin-nota tal-Ufficcjal tat-22 ta' Frar, 2019;

7. Illi fit-23 ta' Mejju, 2019, kienet intavolata nota ohra tal-Ufficcjal tal-Probation fejn irrapurtat illi ghal darb'ohra Lorita Pace regghet attendiet ghal wiehed biss minn tliet appuntamenti. F'wiehed minnhom kienet indisposta. L-istess Ufficcjal ghamlet zjara fir-residenza tad-denunzjata sabiex tara x'kienet is-sitwazzjoni taghha izda sabitha ma kienitx tidher fizikament f'qaghda tajba minkejja li Pace kienet tinsisti li kienet tajba u li mhux qed tabbuza mid-droga. Fis-6 ta' Mejju infurmat lill-Ufficcjal li kienet rikoverata l-isptar u ghalhekk inghatat struzzjonijiet sabiex isir kuntatt appena tohrog, liema kuntatt qatt ma sar fejn allura l-Ufficcjal indagat u saret taf li harget mill-isptar fid-9 ta' Mejju. Fit-23 ta' Mejju ghamlet kuntatt mad-DETOX u rrizulta li l-ahhar kuntatt tad-denunzjata mat-tabiba tac-centru kien fit-8 t'April, 2019;

8. Illi l-ahhar okkazzjoni li fiha xehdet l-Ufficcjal tal-Proabtion kien fis-6 ta' Gunju, 2019 u spjegat kif minn wara n-nota taghha tat-23 ta' Mejju, Lorita Pace dahlet fil-Female DDU gewwa Monte Carmeli fit-28 ta' Mejju u regghet harget fil-11 ta' Gunju. Il-kampjun tal-urina taghha appena dahlet Monte Carmeli kien pozittiv ghad-droga eroina u kokaina. Fit-13 ta' Gunju halliet kampjun iehor ta' urina u din id-darba ir-rizultat kien negattiv ghall-cannabis, kokaina, eroina u amfetamina. Sa issa ghad ma hemmx pjan ta' riabilitazzjoni u meta jkun hemm wiehed ma jkunx attwat. Mistoqsija x'tahseb li hu l-ahjar mod biex timxi 'l quddiem, l-Ufficjal tal-Probation wiegbet li f'dan l-istadju ahjar thalli f'idejn il-Qorti;

9. Illi l-Qorti semghet ukoll lid-denunzjata li ddikjarat illi minn l-ahhar li harget mid-DDU ghamlet minn kollox sabiex tibda pjan ta' kura u fi hsiebha tibda tattendi programm ta' filghaxija ghaliex hija omm erbgha u ghoxrin siegha u ghandha diversi problemi ta' sahha. Hija talbet lill-Qorti li tinghata l-ahhar opportunita u weghdet li din tkun tal-ahhar;

10. Illi minn dan kollu jirrizulta kjarament illi ftit jiem ohra u din id-denunzja mill-Ufficcjal tal-Probation tkun ilha li saret sena ilu. Il-Qorti setghet iddisponiet minnha fl-ewwel udjenza izda ghazlet illi tistenna b'diversi seduti u smiegh ta' xhieda bit-tama illi d-denunzjata turi xi sinjali ta' progress u li finalment tara nota pozittiva tal-Ufficcjal tal-Probation li izda waslet fi stat li thalli f'idejn il-Qorti dwar il-gejjieni taghha. Fit-trapass ta' dan iz-zmien kollu jidher li hu sintomatiku illi minn wara d-denunzja kull darba li l-Ufficcjal tal-Probation tipprezenta r-rapport taghha, id-denunzjata ssib ruhha id-DDU tal-isptar Monte Carmeli kif rega' sehh qabel l-ahhar udjenza. Il-problema ta' Lorita Pace tidher li hi radikata minn nuqqas ta'

volonta' li tikkommetti ruhha fi pjan ta' kura minn fost id-diversi opportunitajiet miftuha ghaliha. Hija qieghda tghalaq il-bibien ghall-isforzi kollha li qed isiru fil-konfront taghha fosthom Ufficcjal tal-Probation assenjata biex tigwidaha u taghmel supervizjoni fuqha, tobba fl-Isptar Monte Carmeli, tobba u adetti fil-Caritas, OASI u ohrajn. Minkejja dan qed taqta' kull kuntatt ma' dawn kollha, terga' taqa' ghad-droga u terga' tibda l-kuntatt appena ddoqq il-qanpiena tal-qorti;

11. Id-denunzjata donnha ghadha ma tistax tifhem illi dawn l-isforzi kollha qed isiru biss ghall-gid taghha u li ghadha ma ghalqitx il-kapitolu mhux biss tal-vizzju tad-droga izda ukoll tar-reat minnha kommess lura fis-sena 2013;

12. Din il-Qorti qatt ma taqta' qalbha minn hadd, pero' ghandha ukoll ir-responsabilita' li tara li r-rizorsi ghal persuni fic-cirkostanzi tad-denunzjata li naturalment ma humiex infiniti jkunu miftuha ghall-kull minn verament jixtieq li jeghleb il-vizzju, altrimenti tkun qed tiehu post haddiehor li jista' tabilhaqq jibbenefika minnu. Jidher illi d-denunzjata ghadha ma mmaturatx f'dan il-hsieb u din ir-realta' tant li issa qed tkun ta' perikolu lilha nnifisha u il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan l-istadju l-Qorti ghandha titratta maghha ghar-reati li dwarhom instabet hatja u dan billi timponi fuqha piena karcerarja bit-tama li tuza dan iz-zmien u il-facilitajiet kollha ezisteni fi hdan il-konfini karcerarji sabiex tiddeciedi bis-serjeta' il-futur taghha;

13. Illi ghalhekk il-Qorti ser titratta mad-denunzjata ghar-reat minnha kommess u li dwaru instabet hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta' Gunju 2015 u dan kif jitlob l-artikolu 28G (9) tal-Kodici Kriminali u 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kwantu:

a) Ghall-komplicita fir-reat ta' serq ta' handbag, nuccali, mobile phone, flus kontanti, credit cards, cwievet u dokumenti minn fuq persuna ta' aktar minn sittin sena bl-aggravju ta' vjolenza numerika u tal-valur ghal-liema reat din il-Qorti kienet varjat is-sentenza tal-ewwel Qorti billi qieghdet lill-hajta fuq ordni ta' probation u ordni ta' supervizjoni ghal-perjodu ta' tlett snin;

b) Talli wettqet reat waqt li kienet taht perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. nhar il-11 ta' Dicembru, 2012 u li dwarha kienet ikkundannata ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghall-zmien sena ; u

c) Talli rrendiet ruhha recidiva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jkunu mhassra;

14. Konsegwentement qed titratta mad-denunzjata dwar ir-reati appena indikati fil-paragrafu ta' qabel dan daqs li kieku instabet hatja llum billi fl-ewwel lok thassar l-ordni ta' probation u l-ordni ta' supervizjoni. Fit-tieni lok tikkundannaha ghal-terminu ta' prigunerija ta' <u>tlett snin</u> kwantu l-komplicita' taghha fis-serq bl-aggravju ta' vjolenza numerika u dik tal-valur kommessa fuq persuna ta' aktar minn sittin sena kif ukoll kwantu l-offiza ta' natura hafifa kommessa fuq persuna ta' aktar minn sittin sena. Titratta mal-hatja ukoll billi tqieghed fis-sehh it-terminu ta' <u>sitt (6</u>) xhur prigunerija sospizi ghall-sena moghtija fis-sentenza tal-11 ta' Dicembru, 2012 per Onor Magistrat Dr. Edwina Grima sabiex b'hekk il-hatja qed tkun kundannata ghal terminu ta prigunerija fit-total ta' **<u>tlett (3) snin u sitt (6) xhur</u>** mil-lum.

15. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation.